KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.6.2005
KUMM(2005) 257 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, U LILL-PARLAMENT EWROPEW

**Rapport Annwali lill-Awtorità tar-Rilaxx dwar il-Verifiki Interni li twettqu fl-2004 (l-Artikolu 86.4 tar-Regolament Finanzjarju)**

**It-test sħiħ jeżisti biss bil-FR, DE u EN.**

**{SEK(2005) 782 }**

MT MT

# WERREJ

1. Introduzzjoni ........................................................................................................ 3

2. Deskrizzjoni qasira tal-Ħidma ta' Verifika mill-IAS fl-2004................................ 3

3. Sommarju tas-Sejbiet u r-Rakkomandazzjonijiet Prinċipali ................................ 5

4. Konklużjonijiet ...................................................................................................... 9

## 1. INTRODUZZJONI

L-għan ta' dan it-tielet rapport annwali dwar il-verifika interna huwa li jinforma lill-Awtorità tar-Rilaxx dwar il-ħidma mwettqa fl-2004 mis-Servizz tal-Verifika Interna (IAS) tal-Kummissjoni.

Ir-rapport preżenti huwa verżjoni mqassra tar-Rapport Annwali tal-Verifika Interna ta' l-Awditur Intern lill-Kummissjoni (skond l-artikolu 86.3 tar-Regolament Finanzjarju). Huwa bbażat b'mod estensiv fuq ir-riżultati tal-ħidma mwettqa mill-IAS biex jikkompleta l-Azzjoni 87 tal-*White Paper* dwar ir-Riforma[1] imma jqis ukoll verifiki oħrajn iffinalizzati fl-2004, inklużi verifiki li jkomplu jistħarrġu l-impenji li ttieħdu qabel u sorsi rilevanti oħrajn bħad-deskrizzjoni fil-qosor tad-DĠ tal-familja Relex[2], l-ewwel rapport sommarju dwar il-ħidma tal-Kapaċitajiet ta' Verifika Interna (IACs)[3] tad-Direttorat Ġenerali nnifsu u t-tkomplija tar-rakkomandazzjonijiet sistemiċi magħmulin mill-Awditur Intern fl-2003.

Il-verifiki dettaljati u l-verifiki t'aktar stħarriġ li kienu saru mill-IAS wasslu għar-**rakkomandazzjonijiet** li kienu indirizzati lid-Direttur Ġenerali xieraq li huwa responsabbli biex tittieħed azzjoni. Dan ir-rapport jikkonċentra fuq rakkomandazzjonijiet li jinteressaw lill-Kummissjoni kollha, li spiss, ikunu ta' natura orizzontali u li jistgħu wkoll jikkonċernaw lil Direttorati Ġenerali oħrajn barra dawk li saritilhom verifika.

## 2. DESKRIZZJONI QASIRA TAL-ĦIDMA TA' VERIFIKA MILL-IAS FL-2004

Sabiex twettaq il-missjoni tagħha, l-IAS taġixxi skond ir-Regolament Finanzjarju u l-Karta ta' l-IAS, kif ukoll skond prinċipji u standards internazzjonali rikonoxxuti b'mod ġenerali li jirregolaw il-kontroll intern u l-verifika interna, jiġifieri l-qafas tal-kontrolli COSO[4] u l-istandards professjonali u l-konsulenzi tal-prattika ta' l-Istitut ta' l-Awdituri Interni (ILA)[5]. Il-ħidma ta' verifika ta' l-IAS tiffoka fuq erba' kategoriji prinċipali, hekk kif iddefiniti mill-IIA: il-kredibilità u l-integrità ta' l-informazzjoni finanzjarja u operattiva, l-effikaċja u l-effiċjenza ta' l-operazzjonijiet, is-salvagwardja ta' l-assi u l-konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti u mal-kuntratti. Tinkludi wkoll attenzjoni ffokata fuq l-għanijiet strateġiċi u ta' livell għoli tal-Kummissjoni u sa liema punt dawn huma konformi mal-missjoni ġenerali u sa liema punt isostnuha.[6].

Il-ħidma ta' verifika mill-IAS hija bbażata fuq pjan strateġiku ta' tliet snin li jirrepeti ruħu, li kien adottat kmieni fl-2004 u li jiġi aġġornat kull sena biex jirrifletti l-bidliet meħtieġa. Il-ħidma ta' verifika fl-2004 kienet tiffoka fuq it-tlestija finali tal-verifiki, il-valutazzjonijiet tar-

[1] L-Azzjoni 87 tal-*White Paper* dwar ir-Riforma kienet teħtieġ li l-IAS jirrivedi t-titjib u t-tisħiħ tas-sistemi tal-kontroll intern u li jwettaq ċiklu komplet ta' verifiki tas-sistemi ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll fid-Direttorati Ġenerali kollha.

[2]

[3]

[4] Ara www.coso.org; inkluż l-Amministrazzjoni tar-Riskju fl-Intrapriża – Qafas Integrat. Settembru, 2004.

[5] Ara www.theiia.org.

[6] Kif definit fl-Amministrazzjoni tar-Riskju fl-Intrapriża tal-COSO – Qafas Integrat.

riskju u d-*desk reviews* meħtieġa taħt il-programm ta' Azzjoni 87 (ara t-tabella aktar 'l isfel), u l-preżentazzjoni tas-sejbiet prinċipali fir-rapport sommarju lill-Kumitat tal-Progress tal-Verifika (APC) f'Settembru 2004 u f'Jannar 2005[7]. L-2004 rat ukoll intensifikazzjoni fil-programm tat-tkomplija tal-verifika ta' l-IAS, ladarba issa sar disponibbli aktar għarfien dwar il-verifiki, sa mill-bidu tal-ħidma tal-verifika. F'dan il-kuntest, it-tkomplija fil-ħidma tal-verifika ta' l-IAS dwar l-Eurostat hija importanti b'mod partikolari u sejra tiġi estiża għall-2005.

F'Diċembru 2004 l-IAS ippreżentat ukoll l-ewwel rapport sommarju tagħha, li joħroġ darbtejn fis-sena, dwar il-ħidma mwettqa mill-IACs tad-Direttorati Ġenerali, fejn inġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar numru ta' oqsma ta' riskju[8]. Kif ġie osservat mill-APC, ir-rapporti li għad iridu jsiru fil-futur għandhom jibbenefikaw minn kriterji armonizzati għar-rappurtaġġ fil-komunità tal-verifiki interni tal-Kummissjoni.

**Deskrizzjoni ġenerali ta' l-Impenni tal-Verifiki mwettqa fl-2004 (u d-dehra tagħhom fl-Annessi):**

| Verifika | Memorandum dwar l-Ippjanar tal-Verifika | Rapport Finali |
|---|---|---|
| ***Sistemi amministrattivi orizzontali u sistemi ta' appoġġ oħrajn*** | | |
| OPOCE | 2 ta' Marzu 2004 | 15 ta' Ottubru 2004 |
| Kontroll Lokali ta' l-IT COMP | 17 ta' Lulju 2003 | 20 ta' Lulju 2004 |
| Kontroll Lokali ta' l-IT SG | 17 ta' Lulju 2003 | 31 ta' Lulju 2004 |
| Valutazzjonijiet tar-Riskju u *Desk Reviews*:<br>SG, SJ, OLAF, ADMIN, ADMIN/DS, EPSO, OIB, PMO, DIGIT, SCIC, OIL, DGT, GOPA, 36 ITC Valutazzjonijiet tar-Riskju | | |
| ***Il-Politika Interna inkluża r-Riċerka*** | | |
| EAC | 15 ta' Marzu 2004 | 21 ta' Settembru 2004 |
| ENV | 29 ta' Marzu 2004 | 17 ta' Settembru 2004 |
| ESTAT II | 17 ta' Novembru 2003 | 19 ta' Marzu 2004 |
| INFSO | 30 ta' April 2004 | 20 ta' Ottubru 2004 |
| JRC | 26 ta' Marzu 2004 | 21 ta' Ottubru 2004 |
| Valutazzjoni tar-Riskju u *Desk Reviews*:<br>ECFIN, ENTR, COMP, SANCO, TREN, JAI, MARKT, TAXUD | | |
| ***Il-Miżuri Strutturali u l-Politika Agrikola Komuni*** | | |
| EMPL | 22 ta' Mejju 2003 | 22 ta' Lulju 2004 |
| Tkomplija AGRI | 20 ta' Ottubru 2004 | 25 ta' Frar 2005. |
| Tkomplija REGIO | 24 ta' Settembru 2004 | 23 ta' Diċembru 2004 |
| Valutazzjoni tar-Riskju u *Desk Reviews*:<br>FISH | | |
| ***Il-Politika Esterna inkluża l-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni*** | | |

---

7 L-APC kien mgħarraf bis-sejbiet preliminari fl-20 ta' Settembru 2004 u ddiskuta l-istampa ġenerali finali fl-14 ta' Jannar 2005.

8

| | | |
|---|---|---|
| AIDCO | 31 ta' Lulju 2003 | 29 ta' April 2004 |
| Tkomplija ELARG | 20 ta' Settembru 2004 | 21 ta' Jannar 2005 |
| Valutazzjonijiet tar-Riskju u *Desk Reviews*:<br>KUMMERĊ | | |

L-aċċettazzjoni min-naħa tas-servizzi li ssirilhom verifika, tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet mill-verifika ta' l-IAS hija għolja b'84% tar-rakkomandazzjonijiet kollha li jinħarġu jkunu aċċettati u 10% oħra jiġu aċċettati b'xi kummenti. Din hija indikazzjoni li l-parir tal-verifika jitqies bħala għajnuna biex ikun hemm titjib imma wkoll li l-amministrazzjoni qiegħda terfa' r-responsabbiltà tagħha billi tiddeċiedi jekk tridx issegwi r-rakkomandazzjonijiet jew le, u kif ser tagħmel dan. F'każ minnhom, rakkomandazzjoni kritika ma ġietx aċċettata minn dak li saritlu l-verifika għaliex inħass li l-azzjoni li kellha tittieħed bħala tkomplija ma setgħetx tkun amministrata fuq livell ta' Direttorat Ġenerali.

**L-aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-verifika ta' l-IAS magħmula fl-2004:**

| | **Aċċettati** | **Aċċettati b' xi Kummenti** | **Aċċettati Parzjalment** | **Mhux Aċċettati** | **Total** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Kritiċi** | 39 | 1 | 0 | 1 | **41** | **10%** |
| **Importanti Ħafna** | 119 | 21 | 0 | 5 | **145** | **38%** |
| **Importanti** | 151 | 22 | 7 | 5 | **185** | **48%** |
| **Mixtieqa** | 12 | 0 | 1 | 1 | **14** | **4%** |
| **Total** | **321** | **44** | **8** | **12** | **385** | **100%** |
| **%** | **84%** | **11%** | **2%** | **3%** | **100%** | |

## 3. SOMMARJU TAS-SEJBIET U TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PRINĊIPALI (AKTAR INFORMAZZJONI FL-ANNESS 3)

### Rakkomandazzjoni 1:

Id-Direttorati Ġenerali għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex jaġġornaw il-kwalità ta' l-indikaturi tagħhom u jiżviluppaw metodu integrat li jkejjel u jevalwa l-prestazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jitqies l-użu tal-**Qafas Komuni tal-Valutazzjoni,** maħsub speċifikament biex isostni l-implimentazzjoni ta' amministrazzjoni ta' kwalità f'organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku. Għandhom jiġu ddefiniti u rrapportati f'*"tableau de bord"* fuq bażi regolari u mressqa quddiem l-amministrazzjoni, indikaturi prinċipali tal-prestazzjoni, kemm finanzjarja kif ukoll operattiva, sabiex isostnu l-osservazzjoni u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni f'oqsma prinċipali. L-użu ta' l-għodod u t-teknika ta' l-Amministrazzjoni ta' Kwalità Totali (*Total Quality Management)* bħall-**punti ta' referenza għat-tqabbil (*benchmarking*)** u l-istħarriġ **dwar is-sodisfazzjon *(satisfaction surveys)*** għandhom ikunu applikati b'mod magħżul bħala parti mir-rispons meħtieġ mingħand dawk li jirċievu l-għotjiet u partijiet interessati oħrajn.

**Rakkomandazzjoni 2:**

**Fuq livell ta' Direttorati Ġenerali,** l-amministrazzjoni tar-riskju għandha tkun magħġuna fil-proċessi regolari ta' l-amministrazzjoni u għandha titmexxa flimkien mal-proċessi ta' l-ippjanar strateġiku, u wara għandha tkun inkorporata fir-rappurtaġġ u fit-teħid tad-deċiżjonijiet amministrattiv kontinwu. Ir-riskji kritiċi u r-risponsi ta' l-amministrazzjoni għandhom jiġu rrapportati fil-Pjan Annwali ta' l-Amministrazzjoni u fir-Rapport Annwali ta' l-Attivitajiet

**Il-familji tad-Direttorati Ġenerali** għandhom jesploraw l-effikaċja ta' kunċett ta' l-amministrazzjoni tar-riskju mifrux fuq il-familja kollha ta' l-għanijiet prinċipali tagħhom. Dan għandu jirriżulta f'aktar koordinazzjoni u fl-identifikazzjoni tas-sinerġiji.

Għandha titħejja **deskrizzjoni ġenerali tar-riskji mifruxa mal-Kummissjoni kollha fuq livell tal-Kummissjoni (li taħseb għal fehma sħiħa tar-riskji minn fuq għal isfel)** u għandha tintuża biex ikunu sostnuti l-amministrazzjoni tar-riskji u t-teħid tad-deċiżjonijiet.

**Rakkomandazzjoni 3:**

Għalkemm xi Direttorati Ġenerali ħadu l-passi meħtieġa biex jikkonformaw mal-politika/il-linji ta' gwida dwar is-sigurtà, l-amministrazzjoni issa teħtieġ li tiżgura li jiġu żviluppati u ttestjati pjanijiet ta' rkupru għal wara d-diżastri u pjanijiet kontinġenti. Huwa wkoll importanti li għas-sistemi prinċipali ta' l-informazzjoni jittieħdu l-prekawzjonijiet biex tkun żgurata s-sigurtà ta' l-informazzjoni u l-kontinwità ta' l-operazzjonijiet.

Il-proċessi amministrattivi ċentrali (bħall-amministrazzjoni tal-kuntratti u ta' l-għotjiet) għandhom ikunu sostnuti b'aktar sistemi integrati ta' amministrazzjoin ta' l-informazzjoni għaliex dan għandu jtejjeb il-kapaċità ta' l-amministrazzjoni li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-proġett[9].

**Rakkomandazzjoni 4:**

Meta jkunu qed jiġu riveduti r-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' l-Implimentazzjoni għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-semplifikazzjoni u lill-proporzjonalità sabiex jinkiseb **bilanċ aħjar bejn ir-riskji involuti u l-ispejjeż relatati mal-kontroll.** Dan japplika wkoll, ngħidu aħna, għall-amministrazzjoni ta' l-għotjiet, fejn l-ispejjeż relatati mal-kontroll, kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-benefiċjarji, jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikattiv jekk il-metodi tat-tqassim u/jew tal-finanzjament jiġu armonizzati u semplifikati.

Lil hinn mir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, għandha tingħata l-istess attenzjoni lil-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti u lit-tfassil ta' strumenti u programmi finanzjarji.

**Rakkomandazzjoni 5:**

Għandhom ikunu stabbiliti proċeduri finanzjarji u livelli ta' sotto-delegazzjoni u għandhom ikunu riveduti b'mod regolari fuq il-bażi ta' valutazzjoni xierqa tar-riskju sabiex ikunu skond il-livell tar-riskju u tal-kontrolli. It-transazzjonijiet li ma tantx huma riskjużi għandhom jiġu pproċessati taħt proċeduri semplifikati u, bil-maqlub, transazzjonijiet b'livell aktar għoli ta'

---

[9] Huwa mifhum li aktar żvilupp fl-ABAC matul l-2005 se jindirizza xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet imma s-sidien tal-proċess għandhom jiżguraw li dan huwa l-każ.

riskju għandhom jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-amministrazzjoni superjuri jew viża *ex ante* addizzjonali.

**Rakkomandazzjoni 6:**

Is-sorveljanza min-naħa ta' l-amministrazzjoni ta' l-applikazzjoni effettiva tal-proċeduri interni, inklużi fost l-oħrajn, is-segregazzjoni tad-dmirijiet, l-arranġamenti għal sotto-delegazzjoni u għad-deputati li jidhru minflok is-superjuri tagħhom, u l-konformità tagħhom mar-Regolament Finanzjarju (FR), mar-Regoli ta' l-Implimentazzjoni (IR) u ma' regolamenti rilevanti oħrajn, għandhom jissaħħu u jitmexxew fuq bażi regolari.

Għandhom jissaħħu l-kontrolli *ex-post* sabiex tkun żgurata ħidma effettiva u kontinwa tal-kontrolli interni kif inhu intenzjonat. F'dan ir-rigward, id-dikjarazzjoni annwali tad-Direttorati Ġenerali għandha tindirizza b'mod speċifiku sew kemm huma adegwati l-kontrolli interni li qegħdin fil-post (it-tfassil) u sew it-tħaddim effettiv tagħhom matul il-perjodu kopert mid-dikjarazzjoni[10].

**Rakkomandazzjoni 7:**

**Għandha titjieb il-metodoloġija, inkluż il-valutazzjoni tar-riskji, użata biex jitwettqu l-verifiki finanzjarji.** Għandha tiġi pprovduta **deskrizzjoni ġenerali** tar-riżultati fuq bażi annwali, **irrapportata fl-AAR u kkonsolidata fir-rapport sintesi mid-Direttorat Ġenerali.** Il-kwistjonijiet li jirrepetu rwieħhom kif ukoll dawk sistemiċi għandhom jiġu identifikati flimkien ma' l-azzjonijiet li jittieħdu mill-amministrazzjoni sabiex ma jerġgħux iseħħu.

**Rakkomandazzjoni 8:**

Trid tiġi żviluppata strateġija ta' verifika ċara għall-verifiki ta' l-għeluq u l-azzjonijiet iridu jiġu ppjanati minn qabel sew u għandhom jiġu inklużi fil-pjan ġenerali tal-verifika. L-elementi l-aktar importanti jinkludu: proċedura ċara u dokumentata, u mudell tal-valutazzjoni tar-riskji iddefinit għall-verifiki tas-sistemi sabiex jintgħażlu l-verifiki ta' l-għeluq; ir-rwoli u r-responsabbiltajiet jeħtieġ li jkunu ċari u speċifikati (inklużi l-proċeduri għall-approvazzjoni tar-rapporti u l-proċess tat-tkomplija); u riżorsi adegwati maħsuba speċifikatament għall-kompitu. Sabiex ikun evitat id-dewmien, għandu jiġi ssemplifikat il-fluss tax-xogħol; għandhom jiġu stabbiliti termini indikattivi taż-żmien li jridu jiġu rrispettati għal kull stadju tal-proċess. Il-metodoloġija tal-verifiki ta' l-għeluq għandha tkun iddefinita f'manwâl tal-verifika.

Iridu jiġu adottati għodod xierqa ta' rappurtaġġ biex ikun żgurat immonitorjar xieraq tal-proċess tal-verifika ta' l-għeluq, u tal-proċeduri ta' l-irkupru inawgurati bħala riżultat tal-verifiki.

Għandhom jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa, fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, biex ikunu indirizzati l-problemi skoperti, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu d-defiċjenzi u n-nuqqasijiet fis-sistemi ta' l-amministrazzjoni u tal-

[10] Qed jiġi nnotat li qed isir progress f'dan ir-rigward; iċ-Ċirkulari dwar ir-Rapporti Annwali ta' l-Attività ta' l-2004 (SEC(2004)1562) tat-3 ta' Diċembru 2004 tagħmel ħafna aktar enfasi fuq il-ħtieġa li tkun deskritta s-sistema ta' kontroll intern li tkun twaqqfet u sa liema punt titqies effettiva biex ikunu indirizzati r-riskji prinċipali (il-partijiet 3 u 4 tal-AAR b'mod partikolari).

kontroll tal-Kummissjoni stess, u sabiex jingħata bidu għall-irkupri, skond ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regoli ta' l-Implimentazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 9:**

**L-għoti ta' fondi doppji:** Għandu jkun imħeġġeġ u rrinforzat l-użu aktar effettiv min-naħa tad-Direttorati Ġenerali ta' l-istrumenti eżistenti, ngħidu aħna d-"*declarations sur l'honneur*", bil-possibbiltà li jkunu applikati sanzjonijiet legali f'każ ta' dikjarazzjonijiet foloz, il-kondizzjonijiet meħtieġa applikabbli għaż-żamma tal-kotba għal min jirċievi l-għotjiet u l-konsultazzjoni sistematika jew selettiva ta' Direttorati Ġenerali oħrajn.[11]. Għandhom jiġu awtorizzati u sostnuti mill-għodod tal-Kummissjoni kollha, kontrolli addizzjonali li jimmitigaw, sabiex jillimitaw ir-riskju inerenti li jingħataw fondi doppji. F'dan ir-rigward, il-ħolqien ta' bażi tad-*data* tal-Kuntratti ta' l-ABAC u tal-Fajl Ċentrali ta' l-Entitajiet Legali fl-aħħar tliet xhur tas-sena 2004 ser ikun pass pożittiv imma ma jistax jiggarantixxi prevenzjoni sħiħa. Idealment, is-sistema tista' tittejjeb biex ikunu mmarkati l-każi fejn l-istess kuntrattur/dak li jirċievi l-għotja, ikun qed jirċievi fondi ta' l-UE għall-istess attività minn Direttorati Ġenerali differenti.

**L-għażla ta' l-esperti – konflitt ta' interess potenzjali**: Irid jsir titjib fejn għandhom x'jaqsmu l-esperti involuti fl-għażla tal-proġetti. Dan jirrigwarda l-ħtieġa li jkunu rreklutati esperti indipendenti permezz ta' proċeduri xierqa ta' tfigħ ta' offerti. L-esperti magħżula għandhom jintalbu jiffirmaw dikjarazzjoni dwar konflitt ta' interessi (bħalma diġà huwa l-każ f'ċerti Direttorati Ġenerali)[12].

**Rakkomandazzjoni 10:**

**It-Tisħiħ tal-Kontrolli Interni***:* iridu jittieħdu passi biex ikun ikkompletat it-tisħiħ obbligatorju tas-sistemi tal-kontrolli interni fl-Aġenziji Nazzjonali qabel iċ-ċiklu l-ġdid ta' l-ipprogrammar. Jeħtieġ li jinkisbu dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni ta' l-amministrazzjoni mill-MS. Għandu jittejjeb l-istħarriġ tal-kwistjonijiet imqajma fir-rapporti taċ-ċertifikazzjoni magħmulin mill-awdituri indipendenti.

**L-implimentazzjoni tal-baġit:** Sabiex wieħed ikun jista' jkollu stampa aktar sħiħa tat-twettiq tal-programm, għandhom ikunu stabbiliti statistiċi li jqisu kemm il-pagamenti li saru mid-Direttorat Ġenerali tal-portafoll u kemm dawk mill-Aġenziji Nazzjonali rilevanti. Is-servizzi kkonċernati għandhom ukoll jorganizzaw stħarriġ aktar dettaljat tal-pagamenti bil-quddiem u ta' l-imgħax li jinkiseb.[13]

**Il-kontrolli *ex-post* mmexxija mill-Aġenziji Nazzjonali:** Għandhom ikunu stabbiliti linji ta' gwida ċari fuq il-kondizzjonijiet meħtieġa minimi u dwar il-firxa minima li trid tkun ipprovduta mill-Aġenziji Nazzjonali permezz tal-kontrolli ex-post immexxija minn dawn ta' l-aħħar. Biex nieħdu eżempju, ir-riskji u r-responsabbiltajiet finanzjarji li jirrigwardaw it-telf finanzjarju minħabba l-passività tal-benefiċjarji m'humiex identifikati b'mod li wieħed jista' joqgħod fuqu.

---

[11] Ara t-Titolu V: L-Akkwisti tar-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' l-implimentazzjoni.

[12] Ta min jinnota li għal uħud mid-Direttorati Ġenerali l-qafas legali eżistenti jista' jipprovdi regoli differenti.

[13] L-iżviluppi ta, l-ABAC suppost li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

**Rakkomandazzjoni 11:**

Sabiex jissaħħu l-kontrolli eżistenti ħalli jitnaqqsu r-riskji ta' kollużjoni, konflitt ta' interessi u ta' kummerċ illegali minn xi ħadd li jkollu tagħrif minn ġewwa , għandha ssir analiżi sabiex ikun identifikat kwalunkwe kuntrattur jew persuna li tirċievi għotja li tippreżenta konċentrazzjoni sinifikattiva tal-baġit tad-Direttorat Ġenerali kkonċernat. F'dan ir-rigward għandha tingħata attenzjoni partikolari kemm għall-organizzazzjonijiet privati kif ukoll għall-għaqdiet mhux governattivi (NGOs) li jingħataw fondi b'mod regolari mis-servizzi tal-Kummissjoni jew permezz ta' kuntratti jew b'għotjiet.

**Rakkomandazzjoni 12:**

Fejn bosta mill-attivitajiet prinċipali matul perjodu twil ta' żmien jingħataw biex jinħadmu minn kuntrattur waħdani, id-Direttorati Ġenerali għandhom jevalwaw bir-reqqa r-riskji li jirriżultaw minn din id-dipendenza, u jressqu dan għall-approvazzjoni formali ta' l-amministrazzjoni ta' fuqhom.

**Rakkomandazzjoni 13:**

**L-għotjiet ta' funzjonament *(functioning grants)* lill-Għaqdiet Mhux Governamentali (NGOs) u l-konformità mar-**Regolament Finanzjarju (FR) u r-Regoli ta' l-Implimentazzjoni (IR)**:** Għandha tkun żgurata l-konformità mal-FR u ma' l-IR.

Għandu jsir progress, inkluż l-ippjanar u l-komunikazzjoni kif suppost lill-NGOs ikkonċernati, sabiex tkun żgurata l-konformità mal-kondizzjoni meħtieġa stabbilita fir-Regolament Finanzjarju għat-tnaqqis progressiv fil-fondi li jingħataw għall-ispejjeż relatati mal-ġestjoni.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

Fl-2004 intlaħqu diversi għanijiet importanti f'termini ta' l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex timmodernizza u ssaħħaħ is-sistemi tagħha ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll. Daħal fis-seħħ ir-regolament il-ġdid dwar l-istaff u d-Direttorati Ġenerali komplew bl-isforzi tagħhom biex itejbu s-sistemi interni ta' kontroll li kienu ddaħħlu taħt ir-Riforma tal-Kummissjoni. Is-Servizz Intern tal-Verifika (IAS) ikkompleta dik li tissejjaħ Azzjoni 87 tal-*White Paper* dwar ir-Riforma[14] billi wettaq ħidma ta' verifika (inklużi d-*desk reviews* u l-valutazzjonijiet tar-riskji) fi tlieta u tletin servizz tal-Kummissjoni.

Bit-teħid ta' perspettiva aktar strateġika, il-ħidma tal-verifika u r-rakkomandazzjonijiet wasslu lill-Awditur Intern għal numru ta' **konklużjonijiet** fejn il-Kummissjoni setgħet tagħmel avvanz konsiderevoli f'termini ta' titjib fil-kontroll u fil-prestazzjoni.

**Is-Sistema ta' Kontroll Intern**

---

[14] [ikkupjata aktar 'il fuq]

F'eżerċizzji ta' valutazzjoni tagħhom infushom,[15] id-Direttorati Ġenerali taw indikazzjoni li kienu laħqu livell għoli ta' konformità ma' l-Istandards ta' Kontrolli Interni (ICS). Il-verifiki ta' l-IAS ukoll ikkonfermaw li kien sar progress kbir. Madankollu, dawn il-verifiki żvelaw ukoll li għad hemm nuqqasijiet kritiċi fil-kontroll u li għad hemm ħtieġa għal titjib importanti f'oqsma prinċipali bħall-amministrazzjoni ta' l-għotjiet u s-sejħa għal offerti pubbliċi, is-sorveljanza ta' l-amministrazzjoni u l-kontrolli *ex-post* (kemm fejn għandhom x'jaqsmu l-fondi amministrati mill-Kummissjoni kif ukoll fl-amministrazzjoni komuni ma' l-Istati Membri) u li l-Kummissjoni għadha esposta għal kollassi potenzjali tal-kontroll.

**Konklużjoni 1**:

Minkejja l-progress importanti fil-kontroll intern, għadhom jeżistu **nuqqasijiet importanti** f'oqsma bħall-amministrazzjoni ta' l-għotjiet u t-tfigħ ta' l-offerti, is-sorveljanza ta' l-amministrazzjoni u l-kontrolli *ex-post*. Dawn in-nuqqasijiet għandhom jiġu indirizzati b'urġenza.

Imma l-isfida tmur aktar 'il bogħod u hija doppja: l-ewwelnett, il-konformità ma' l-Istandards ta' Kontrolli Interni mhuwiex għan fih innifsu. Li huwa importanti huwa li s-sistemi ta' kontrolli interni jkunu effettivi billi jiżguraw b'mod raġonevoli li l-għanijiet tal-Kummissjoni qegħdin jinkisbu, li jkun hemm konformità mar-regoli u mar-regolamenti u li r-rappurtaġġ finanzjarju mill-Kummissjoni jkun ta' min joqgħod fuqu.[16]. It-tieni, is-soluzzjoni mhix neċessarjament li jkun hemm aktar kontrolli, imma li jkun hemm kontrolli aħjar u li jagħtu benefiċċji biżżejjed meta mqabbla mal-flus li jintefqu. Issa jeħtieġ li r-regoli u r-regolamenti l-ġodda li ġew stabbiliti jgħaddu mill-pass naturali li jmiss, jiġifieri jeħtieġ li jiġu rfinati fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba, filwaqt li jitqiesu s-**semplifikazzjoni u l-proporzjonalità** f'termini ta' spejjeż u riskji.

Dan japplika wkoll għall-amministrazzjoni komuni fejn, sabiex tkun effiċjenzi, l-assigurazzjoni trid tiġi primarjament mill-Istati Membri u mhux permezz ta' aktar kontrolli fuq il-post mill-Kummissjoni. Din hija r-raġuni għaliex l-IAS ipproponiet fl-aħħar Rapport Annwali tagħha li tintroduċi dikjarazzjonijiet ta' kxif u assigurazzjoni mill-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri[17].

Jeħtieġ li jittieħdu passi addizzjonali sabiex il-kontrolli jiddaħħlu fil-proċessi standard ta' l-amministrazzjoni. Ngħidu aħna, l-iffissar ta' pjanijiet u għanijiet għadu ma ġiex inkorporat b'mod suffiċjenti fl-attivitajiet regolari ta' l-amministrazzjoni, li jfisser li hemm profitti limitati mill-impatt u mill-produttività fuq livell tad-Direttorati Ġenerali. Pass essenzjali ser ikun dak li jkun żgurat li l-maniġers jirrealizzaw li jekk il-kontrolli jiġu implimentati kif suppost, dawn ser jgħinuhom tabilħaqq biex ikunu jistgħu jirrealizzaw l-għanijiet tagħhom.

**Konklużjoni 2**:

Id-Direttorati Ġenerali jridu jħabirku sabiex **is-sistemi ta' kontroll tagħhom ikunu effikaċi** – iktar milli biss konformi. Il-ksib ta' benefiċċji biżżejjed meta mqabbla mal-flus li ntefqu u r-

15 Aġġornament tal-Valutazzjoni tagħhom infushom dwar Kemm Huma Lesti s-Servizzi biex ikunu konformi mal-Linji ta' Bażi tal-Kontroll Intern sal-31 ta' Diċembru 2004, SEC(2004)250 tat-3 ta' Marzu 2004.

16 Hekk kif enfasizzat ukoll mis-Sintesi tar-Rapporti Annwali ta' l-Attività ta' l-2003 tad-Direttorati Ġenerali u tas-Servizzi, COM(2004)418 tad-9 ta' Ġunju 2004.

17 Inklużi għall-Aġenziji Nazzjonali fil-kuntest ta' amministrazzjoni ċentralizzata indiretta.

riskji għandhom jitqiesu aktar fit-tfassil tal-kontrolli; għall-amministrazzjoni komuni dan ifisser li għandha tiġi aktar **assigurazzjoni min-naħa ta' l-Istati Membri**.

**Il-Funzjonijiet Orizzontali**

Il-Kulleġġ għandu **responsabbiltà** kollettiva politika u għall-baġit, fir-rigward tal-baġit tal-Komunitajiet (inklużi l-fondi taħt l-amministrazzjoni komuni). Madankollu, l-istruttura ta' l-amministrazzjoni finanzjarja u tal-kontroll tal-finanzi tal-Kummissjoni hija primarjament iffokata fuq id-Direttorati Ġenerali individwali u d-dikjarazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà/l-assigurazzjoni li ġejjin mid-Direttorati Ġenerali. Perspettiva li hija prinċipalment fuq livell ta' Direttorat Ġenerali tfisser li hemm probabbiltà akbar li kwistjonijiet/riskji ta' kontroll importanti, speċjalment dawk li jgħaddu minn mogħdijiet orizzontali *("cross-cutting")*, ma jkunux koperti jew mitigati biżżejjed. L-eżempji jistgħu jinkludu l-applikazzjoni mhux uniformi tar-regoli; it-tfassil u l-implimentazzjoni mhux ibbilanċjati tal-politika; u d-diffikultà li tinġabar *data* essenzjali dwar l-amministrazzjoni tal-kontabilità u ta' l-informazzjoni li tkun ġejja mid-Direttorati Ġenerali – il-bażi tar-rappurtaġġ tal-kontabilità u ta' l-amministrazzjoni ta' l-informazzjoni ċentrali tal-Kummissjoni. Xi wħud minn dawn il-funzjonijiet orizzontali huma stabbiliti sewwa, bħal, ngħidu aħna, li jiġi stabbiliti il-baġit tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni wettqet ukoll titjib importanti sabiex issaħħaħ il-koordinazzjoni u l-koerenza tal-politika bħat-twaqqif ta' netwerks ta' livell għoli u l-ħolqien tad-DIGIT. Imma ċerti funzjonijiet orizzontali għadhom m'humiex koperti b'mod adegwat.

Ir-Regolament Finanzjarju, hekk kif rivedut fl-2002, ma jipprovdux b'mod espliċitu biex l-Uffiċjal tal-Kontabilità jiċċertifika l-integrità, il-konsistenza u l-kredibilità ("stampa vera u ġusta") tal-kontijiet. Madankollu, pass bħal dan isaħħaħ is-sistema tal-kontrolli. Jiżgura li l-kontijiet tal-Kummissjoni jkunu konsistenti u li tista' toqgħod fuqhom u għalhekk jipprovdi ħarsien lill-Kulleġġ.

L-għeluq tal-kontijiet *(sign-off)* hija wkoll parti komplementari għall-awtorità li għandu l-Uffiċjal tal-Kontabilità li jistabbilixxi l-istandards tal-kontabilità: li jkun f'pożizzjoni li jagħlaqhom ifisser, ngħidu aħna, li jkunu twettqu kontrolli għall-plawsibilità u għall-koerenza sabiex inaqqas kemm jista' d-differenzi fl-applikazzjoni jew fl-applikazzjoni ħażina tar-regoli. L-esperjenza miksuba minn dawn il-kontrolli tista' mbagħad tiġi użata mill-Uffiċjal tal-Kontabilità biex itejjeb u jadatta r-regoli u l-proċeduri fejn ikun meħtieġ. Dan ma jfissirx l-introduzzjoni mill-ġdid ta' viża *ex-ante* għal transazzjonijiet individwali u lanqas ma jfisser li qed tkun illimitata r-responsabbiltà evidenti ta' l-attur "li jkun qed jagħmel ix-xogħol" milli japplika b'mod korrett ir-regoli bħal fi kwalunkwe qasam ieħor ta' attività tal-Kummissjoni.

Din hija r-raġuni għaliex l-IAS jirrakkomanda li l-għeluq tal-kontijiet issir mill-Uffiċjal tal-Kontabilità. Din ir-responsabbiltà sistemika bl-ebda mod ma tnaqqas ir-responsabbiltà ta' l-Uffiċjali li Jawtorizzaw li jiggarantixxu l-kredibilità ta' l-informazzjoni li tkun disponibbli għall-Uffiċjal tal-Kontabilità. Issa huwa l-mument xieraq li tkun introdotta din is-superviżjoni ċentrali, peress illi s-sistema l-ġdida taż-żamma tal-kotba għaż-żjidiet fl-imgħax iżżid il-livell ta' kompetenza fiż-żamma tal-kotba meħtieġa mill-Kummissjoni kollha.

**Konklużjoni 3**:

Sabiex jiżgura l-integrità, il-konsistenza u l-kredibilità tal-kontijiet, l-**Uffiċjal tal-Kontabilità** jrid **jagħlaq** il-kontijiet tal-Kummissjoni billi jiċċertifika li jippreżentaw stampa vera u ġusta.

L-Uffiċjal tal-Kontabilità għandu jingħata biżżejjed setgħa biex ikun jista' jċaħad minn parti mir-responsabbiltà mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li tkun immodifikata r-responsabbiltà tad-Diretturi Ġenerali għat-transazzjonijiet bażiċi u għall-kredibilità ta' l-informazzjoni li tkun disponibbli għall-uffiċjal.

Qasam ieħor li jħasseb huwa dak ta' l-amministrazzjoni tar-riskji. Meta tkun utilizzata b'mod effettiv, l-amministrazzjoni tar-riskji sservi ta' għodda proattiva għall-amministrazzjoni biex jiġu identifikati l-ostakli għal ksib ta' l-għanijiet tal-politika u dawk operattivi u jgħin fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, inklużi fid-deċiżjonijiet li jqaassmu l-prijoritajiet u l-allokazzjoni tar-riżorsi.

Kif ġie stabbilit f'dan ir-rapport, l-amministrazzjoni tar-riskji fil-Kummissjoni għadha, xi ftit jew wisq, fi stat embrijoniku. Ġeneralment id-Direttorati Ġenerali jikkonċentraw fuq l-analiżi tar-riskju, u l-amministrazzjoni tar-riskji mhix magħġuna mal-proċessi regolari ta' l-amministrazzjoni. Din is-sitwazzjoni għadha tippersisti minkejja l-fatt li dan l-aħħar il-BUDG inawgura inizjattivi f'dan il-qasam li ntlaqgħu tajjeb ħafna (id-dettalji ta' dawn jinsabu fir-rapport). Għad irid jiġi implimentat metodu ta' amministrazzjoni tar-riskji mifrux mal-Kummissjoni kollha, li jinkludi metodoloġija u għodod, u għandu jirriżulta f'ħarsa ġenerali kkonsolidata lejn ir-riskji fuq livell tal-Kummissjoni (li jaħseb għal stampa kompluta tar-riskji l-aktar importanti minn fuq għal isfel). Dan jidher li huwa essenzjali sabiex ikunu amministrati r-riskji relatati ma' diversi Direttorati Ġenerali u biex id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi fil-qafas taċ-ċiklu ta' l-Ippjanar u l-Programmazzjoni Strateġiċi jkunu mgħarrfa aħjar u jkunu wkoll konformi ma' l-aħjar prattika.

**Konklużjoni 4**:

Għandu jiġi implimentat **proċess mifrux mal-Kummissjoni li jagħti ħarsa ġenerali** (u li jaħseb għal stampa kompluta tar-riskji prinċipali minn fuq għal isfel). Dan għandu jiffaċilita l-amministrazzjoni proattiva tar-riskji fejn għandhom x'jaqsmu l-għanijiet essenzjali tal-Kummissjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet aktar informati dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi.